MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru 249/2000

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea u
Sp Dennis Theuma)
vs
Robert Galea, iben Anthony
imwieled San Ġiljan fit-18 ta'
ottubru, 1976

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fit-3 ta' mejju, 1997 għal ħabta
tat-tlieta u għoxrin ta' wara nofs in-nhar waqt li kien qed isuq mutur, bin-numru
tar-reġistrazzjoni FAH 493, fin-Naxxar b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew
b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regola-

menti, ikkaġuna l-mewt ta' Jody Borg ta' erbatax il-sena, mis-Swieqi.
Il-Qorti ġiet mitluba li tissospendi lill-imputat milli jottjeni jew ikollu liċenzi
tas-sewqan għal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' frar, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti
tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali bagħat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' april, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan
Il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda tal-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fis-6 ta' mejju, 1997 għal ħabta tat-3.30 p.m. l-imputat kien qed isuq mutur
tal-marka Yamaha, bin-numru tar-reġistrazzjoni FAH 493. L-imputat flimkien ma żewġ muturi oħra kien fi Triq 21 ta' settembru, tiela lejn iċ-ċentru tan-Naxxar. Wieħed mill-muturi in kwistjoni ma kellhu xejn x'jaqsam ma l-inċident u għalhekk jista' jiġi eliminat mix-xena ta' l-inċident meritu ta' din il-kawża. It-tieni mutur u li kien involut f'dan l-inċident kien mutur tal-marka Honda, bin-numru tar-reġistrazz-
joni CAG 196, u kien misjuq minn Lucian Borg. Fuq is-seat ta' wara bħala 'pillion rider' kien riekeb Jody Borg, li jiġi ħu Lucian Borg. Il-persuni kollha li kienu riekba dawn il-muturi huma ħbieb u kienu ġejjin mill-iskola ta' Jody Borg fejn inxtrat
l-uniformi tas-sajf għal Jody Borg, li dak in-nhar kellhu erbatax il-sena.

Illi fil-waqt li ż-żewġ muturi hawn fuq imsemmija kienu tielgħin ma ġemb xulxin
fl-istess ħin fid-direzzjoni opposta kienet nieżla karozza tal-marka Ford Cortina,
bin-numru tar-reġistrazzjoni D 3381. Skond is-sewwieq ta' din il-karozza dawn
il-muturi kienu ġejjin bi speed qawwi, miexjin wara xulxin. F'ħin minnhom ġew ma ġemb xulxin, wieħed mill-muturi perper, ġie għal fuqu u ħass skoss. Fil-fatt, jirrizulta li dawn iż-żewġ muturi sgur kienu ħdejn xulxin u ftit mumenti qabel ma ġara
l-inċident l-imputat li kien qed isuq il-mutur fuq in-naħa ta' barra tat-triq, jiġifieri
kien lejn in-nofs tal-karreġġjata għamel manuvra biex jidħol wara l-mutur misjuq minn Lucian Borg. Għal xi raġuni, il-mutur ta' l-imputat perper, tilef il-kontroll u baqa dieħel fil-mutur tal-aħwa Borg li kienu quddiemu. Lucian Borg xehed li hu f'ħin minnhom ħares lura u ra l-mutur ta' l-imputat ġej għal fuqhom.

Illi konsegwenza ta' l-impatt bejn iż-żewġ muturi, l-aħwa Borg u l-imputat spiċċaw mal-art jitkaxkru. L-imputat u Lucian Borg kellhom biss feriti ta' natura ħafifa iżda Jody Borg spiċċa taħt karozza li kienet ipparkjata hemm u miet mad-daqqa.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat hu responsabbli għal dan l-inċident għaliex kien traskurat fis-sewqan tiegħu. Jirrizulta wkoll li ma kienet qed issir ebda tiġrija bejn il-muturi, ma kien hemm ebda pika bejniethom u kollox kien jindika sewqan ta' persuni kalmi. Iżda dan ma fissirx li l-imputat ħa l-prekawzjonijiet kollha fis-sewqan tiegħu għaliex ma żammx distanza regolamentari mill-mutur l-ieħor, anzi kien qed isuq ferm ħdejn il-mutur misjuq minn Lucian Borg. Mhemmx dubju li dan kien inċident sfortunat li bi ftit attenzjoni seta' faċilment jiġi evitat mill-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elfejn liri maltin

(Lm2,000). Inoltre, tordna s-sospensjoni ta’ kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ sitt xhur mil-lum.